VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA | VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 11

It-Tnejn 16, ta' Diċembru, 2013, fil-7.00 p.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Kunsillieri Dr Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Vincent Farrugia Lauri, Raymond Azzopardi, Raymond Attard u Vincent Fabri.
Christian Darren Micallef kien skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 10 li saret nhar It-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2013, fis-7.00 p.m kienu ikkonfermati.

1. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li xtaq jagħmel amenda fil-minuti peress li hu staqsa jekk ħargitx sejħa fil-pubbliku. (Ambaxxatur –VOT16)

2. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku nforma li l-Kunsill ser jingħata fondi mill-EUPA biex il-progett li ġie preżentat - Democracy Project ma Derry, Irlanda jsir fl-2014. L-Kunsill ser jingħata ftit aktar min €40,000 biex isir dan il-proġett.

2.2 Is-Sindku nforma li xtaq li tiġi diskussa l-possibilita' l-monument ta' Papa Piju li jinsab fi Pjazza l-Assedju jiċċaqlaq u jitpoġġa minflok Nerik Mizzi. U il-monument ta' Nerik Mizzi jitpoġġa fiż-żona ta' Kastilja ħdejn il-Prim Ministri l-oħra f'post maqbul mal-partiti politiċi. Dr Norman Shaw appoġġa bi sħiħ din il-proposta u l-Kunsill qabel li għandhom isiru il-laqgħat meħtiega sabiex tigi diskussa din l-proposta.

2.3 Is-Sindku nforma li kull milied l-kunsill jara x'għandhom bżonn l-Ursolini tal-Belt biex imbgħad l-kunsill jgħin lis-Sorijiet.

2.4 Is-Sindku nforma li ser issir talba għad-devolution ta' Latrini Pubblici u dawn jinħargu bl istess formula ta' l-oħrajn.

2.4.1 Il-Fossa
2.4.2 Faċċata tal-Lift
2.4.3 Victoria Gate (dan jinsab inbarrat)
2.4.4 St. Elmo

2.5 Is-Sindku nforma li għandha tinħareg sejħa għall-offerti biex jiġi amministrat l-Public Convenience ta' Peacock Garden.

2.6 Is-Sindku nforma li wara li ħarġet is-sejħa darbtejn ma' l-ETC. L-Ebda persuna ma ġiet għal interview. Għalhekk wara li l-kunsill nforma lid-dipartiment dwar dan il-kas. L-kunsill rċieva expression of interest min għand Alexandra Smart Costantino li hi impjegata tad-dipartiment. Il-Kunsill qabel li għandu jsir interview lil Alexandra Smart Costantino. Id-

Dipartiment nforma li ma jsib l-edba oġġezzjoni li Alexandra Smart Costantino tiġi trasferita għall-kunsill tal-Belt.

2.7 Is-Sindku nforma li din is-sena ic-Chinese Spring Festival ser isir nhar 19 ta' Jannar 2014. Dan bħal kull sena ssir bil-kollaborazzjoni tac-China Cultural Centre.

2.8 Is-Sindku nforma li ser jerġa jsir l-Baroque Festival f'Jannar. Meta l-Kunsill ikollu aktar informazzjoni ser tingħata lill-Kunsilliera.

2.9 Is-Sindku nforma li ser issir laqgħa ta' Dr Gavin Gulia dwar l-imwejjed u siggijiet kif ukoll dwar l-umbrelel u tined fiċ-ċentru tal-Belt.

2.10 Is-Sindku propona mod ta' kif jista jitranġa l-parking mad-dawra ta' l-MCC. L-Parking ser jiżdied peress li jista jsir fishbone. Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsill kollu.

2.11 Is-Sindku nforma li l-Kunsill għandu jieħu azzjoni legali dwar l-uffiċċju l-ġdid. L-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Laqgħa ġiet sospiza peress li Vincent Zahra l-persuna li kienet tieħu ħsieb l-Public Conveniences xtaq jesprimi d-dispjaċir tiegħu minħabba li hu ma tħallas ta' aħħar xahar li ħadem għalih. Is-Segretarja infurmat li hi kienet cemplet lis-Sur Zahra biex iwaqqaf is-servizz kif kien miftiehem fil-laqgħa tal-Kunsill preċendenti w jagħlaq l-Public Conenience kemm ta' Marsamxett kif ukoll ta' Triq San Pawl. Is-Sur Vincent Zahra baqa jsostni li l-impjegat Matthew Carbonaro insista li dawn għandhom jibgħu jiftuħin. l-Impjegat Matthew Carbonaro nforma li hu kien tkellem ma Vincent Zahra biex jiftah biss nhar Notte Bianca. Il-Kunsill qabel li kien hemm *misunderstanding* pero fl-ebda ħin m'għandha terġa toħroġ l-edba ordni jekk mhux mis-Segretarja tal-Kunsill. Il-Kunsill laħaq qbil mas-Sur Zahra li jitħallas nofs l-ammont dovut.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 L-Minority Leader Dr Norman Shaw preżenta mozzjoni biex CVA desk ma tibqgħax tokkupa post fil-Kunsill Lokali tal-Belt minajr ħlas, jew inkella jsibu post alternattiv. Il-Kunsill kollu qabel li għandha tinkiteb ittra lil CVA mill-avukat barra l-Kunsill Raymond Azzopardi li kellu argument jaħraq mal-Minority leader Dr Norman Shaw. Il-Kunsill Raymond Azzopardi beda jgħajjat u jsabbat fuq il-mejda u jgħid lil Dr Shaw biex ma jogħlix leħnu u qallu wkoll li Dr Shaw kien qed jeddu. Fl-ebda ħin Dr Shaw ma għeded lill-

Kunsillier Azzopardi. Dr Shaw baqa kalm pero l-Kunsillier Azzopardi kompla jiġġieled mal-Minority Leader Dr Norman Shaw. Kellu jintervjeni s-Sindku biex ikkalma lill-Kunsillier Azzopardi biex setgħet tkompli l-laqgħa.

3.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa lis-Segretarja dwar il-kariga li tokkupa fil-Kunsill ta' Hal Lija. Staqsa dwar l-ħin li tqatta fil-Kunsill u dwar il-ħlas. Is-Segretarja nfurmat li meta tmur l- uffiċċju ta' Ħal Lija hi tieħu l-leave mill-Kunsill tal-Belt. Pero nfurmat li tagħmel ħafna xogħol amministrattiv fil-weekends u matul il-gimgħa wara l-ħin ta' l-uffiċċju, jew jekk ikun hemm bzonn li tmur l-Uffiċċju ta' Ħal Lija tikkumpensa wara l-Uffiċċju tal-Belt.

3.3 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa dwar is-Schedule of payments. Is-Segretarja nfurmat li din issir mill-accountant u peress li kellu xi ezamijiet u kellu xi leave din ma setatx tigi preżentata. Staqsa wkoll dwar l-quarterly reports. Is-Segretarja nfurmat li għalkemm nfurmat lil accountant dwar dan l-kumpanija qatt ma provdiet l-quarterly reports.

3.4 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa meta jiskadu l-kuntratti ta':
3.4.1 L-Avukat
3.4.2 Perit
3.4.3 Accountant

3.5 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw stasqa dwar l-iscaffolding li hemm mal-faċċata ta' 331, St Paul street. Ġie nfurmat li dan għandu permess.

3.6 Il-Kunsillier Raymond Attard nforma li l-iskips li hemm fi Triq San Kristofru għandhom jersqu kantuniera ma Triq San Pawl. Dan minħabba li qed jiġu abbużati mill-ħwienet fil-viċinanza.

3.7 Il-Kunsillier Raymond Attard wera' t-tħassib tiegħu dwar l-impjegat tal-Kunsill Joseph Griffiths peress li nforma lill-Kunsill li dan iqatta nofs ta' nhar fl-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari Herrera. Nforma li dan ikun qed jiskarta minn fuq ix-xogħol li qed jitħallas għalih mill-Kunsill. Nforma wkoll li mhux sew li l-van tal-kunsill jkun ipparkjat dejjem viċin il-Ministeru tas-Segretarju Parlamentari. Il-Kunsillier Attard staqsa jekk Joseph Griffiths mhux qed jagħmel użu mill-van tal-Kunsill għall-affarijiet personali tiegħu.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sindku nforma dwar invit mill-Valletta Community Services biex l-Kunsill jattendi għal Serata tal-Milied nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013.

4.2 Is-Sindku nforma dwar il-purcissjoni bil-Bambin li ssir nhar it-23 ta' Diċembru. Din tiġi organizzata mis-Soċjeta' tal-MUSEUM. Is-Sindku nforma dwar proposta ta' Valletta Educational Programme li ser tiġi organizzata mill-NGO MOVE. Kien hemm qbil li il-kunsill ghandu jippartecipa.

4.3 Is-Sindku nforma li bħal kull sena l-Kumpanija Teatru Rjal tidħol il-Belt tagħmel *promotion* għal pantomina PINOKKIO.

4.4 Is-Sindku nforma li l-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-għaqda tal-Pawlini biex jingħata n-No Objection tal-festa kif ukoll biex tingħalaq t-Triq biex isir tizjin tal-Festa. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni pero mhux ser joffri uffiċċjali ta' sigurta w dan irid issir mill-voluntiera stess.

4.5 Is-Sindku nforma li l-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-għaqda tal-pawlini biex jagħlqu triq san pawl nhar l 21' ta Diċembru. L Kunsill qabel li din t-Triq għandha tingħalaq fil-għaxija biss minħabba li hija Triq li minnha jrid jaddi traffiku.

4.6 Is-Sindku nforma li l-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-għaqda tal-pawlini biex isiru tappieri godda (18no) L-Kunsill qabel li għandu jinxtara makkinarju u jintuza mill-uffiċċjali tal-Kunsill i.e. l-Works Coordinator Joseph Griffiths. L-Għaqda li tagħmel it-talba għandha tipprovdi persuna jew persuni biex jagħtu l-għajnuna tagħhom. Pero qabel ma titħaffer l-art l-għaqda għandha tibgħat lis-Segretarja pjanta dettaljata fejn ser isiru ezatt t-tappieri. Dawn iridu jigu kkonfermati mill-Kunsill peress li hem tappieri li saru fil-passat li qed jostakolaw diversi parking spaces.

4.7 Is-Sindku nforma li rċieva korrispondenza min għand Blues Limited biex isiru mapep mal-Belt. Dr Norman Shaw ppropona li din il-Kumpanija għandha tagħti donazzjoni lil Kunsill jekk tagħmel dawn l-mapep mal-Belt. Is-Sindku nforma li l-Kunsill għandu bye-law li hija pendent mad-dipartiment tal-Gvern lokali u qed tistenna biex tigi approvata. Il-Kunsill qabel li dawn il-mapep għandhom ikollhom l-istemma tal-Kunsill u l-postijiet fejn jitpoggew għandhom jigu approvati mill-Kunsill ukoll.

Fit 8.00pm il-Kunsillier Raymond Azzopardi talab biex jiġi skuzat.

**TMIEM**

Fil-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għas-Sibt  4 ta' Jannar 2014 fit - 8.00am.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku